## *Il-Gozo Action Group Foundation qiegħda toħroġ it-Tieni sejħa għall-Miżura 4 – GAG 4 - 'Rejuvinating Gozo' – taħt il-programm LEADER 2014-2020*

Il-Fondazzjoni *Gozo Action Group Foundation* (GAGF) tħabbar li se toħroġ it-tieni sejħa għall-proposti, għall-miżura 4 taħt il-programm LEADER 2014 - 2020. Din l-Azzjoni tifforma parti mill-istrateġija għall-iżvilupp Lokali ta'Għawdex u Kemmuna.

L-Azzjoni ser ttejjeb il-faċilitajiet u s-servizzi f'Għawdex sabiex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja taż-żgħażagħ u il-familji żgħażagħ, u b'hekk tikkontribwixxi biex iżżomm il-ħiliet u għar-riġenerazzjoni demografika u kulturali fil-gżira t'Għawdex. Għal din is-sejħa, ġew allokati **€83,731 ta' fondi pubbliċi.**

Il-Benefiċjarji eliġibbli għal fondi taħt din il- miżura għandhom ikunu sħubija bejn Kunsilli Lokali, Għaqdiet mhux Governattivi u Operaturi fil-Kummerċ. Kull applikant għandu ikun magħmul minn mill-inqas tliet (3) entitajiet, li jkopru mill-inqas tnejn mill-kategoriji msemmija.

Se tiġi organizzata laqgħa ta' informazzjoni f'forma virtwali fuq din il-miżura nhar il-Ġimgħa, 12 ta ' Frar, 2021 fil-10:30am. Dawk li huma interessati fuq din il-miżura huma mħeġġa jibgħatu email fuq info@leadergozo.eu biex jiġu mistiedna għal din il-laqgħa.

Din is-sejħa tiftaħ it-Tnejn 15 ta' Frar 2021. L-aħħar ġurnata għal-kjarifiki hija l-Ġimgħa 5 ta' Marzu 2021. L-applikazzjonijiet għandhom waslu għand il-GAGF sa mhux aktar tard mil-Ġimgħa 12 ta' Marzu, 2021 f'nofsinhar.

L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fl-uffiċji tal-Gozo Action Group Foundation, 23, Triq G.P.F. Agius De Soldanis, Victoria, Għawdex, VCT 1032. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb billi jċempel fuq 2155 0322 jew b'email info@leadergozo.eu. Applikazzjoni u linji ta' gwida jistgħu jitniżżlu minn: www.leadergozo.eu.

**Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.**

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014–2020**

LEADER

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Rata ta' Ko-finanzjament:

75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

**Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**

***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***